**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ZGĦAR**

GUDIKATUR
DR JEAN PAUL GRECH
B.A., LL.D, M.Juris. (INT. LAW), Adv. Trib. Eccl. Melit

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 10 ta' Novembru 2023**

Kawza Numru: 3/2019 (JPG)

**Rosie Grech**

**vs**

**Mark Anthony Barone Grech sive Anthony Grech u b'digriet tal-ħmistax (15) ta' Novembru 2022 Dr Deborah Camilleri ġiet nominata bħala kuratur deputat sabiex tirrapreżenta lill-istess Mark Anthony Barone Grech sive Anthony Grech peress li irriżulta li huwa assenti minn dawn il-gżejjer**

- **Preliminari**

It-Tribunal

Ra l-avviz tal-attrici ipprezentat fil-wieħed u tletin (31) ta' Jannar 2019 fejn hija ippremettiet:

*"1. Peress illi l-attrici ħallset a favur tal-konvenut l-ammont ta' €3,350, u bħala depozitu akkont ta' xoghol illi kellu jsir mill-istess konvenut f'appartament fix-Xlendi, Ghawdex u*

*f’ristorant illi jinsab fix-Xlendi, Ghawdex stess; u t-tnejn proprjeta tar-rikorrenti;*

*2. Peress illi l-konvenut baqa' ma espletax ix-xoghol illi kellu isir da parti tieghu;*

*3. Peress illi l-konvenut qed ghalhekk jidditjeni l-imsemmi ammont ta' €3,350 sine causa u minghajr ebda jedd kwalsiasi;*

*4. Peress illi minkejja illi huwa gie interpellat sabiex jirritorna l-imsemmi ammont il-konvenut baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;*

*Jghid ghalhekk il-konvenut 'l ghala dan l-Onorabbli Tribunal m'ghandux:*

*1. Jiddikjara illi l-konvenut ghandu jirrifondi l-ammont ta' €3,350 fuq imsemmi a favur tal-attrici; u*

*2. Jikkundanna lill-istess konvenut sabiex jirrifondi l-istess ammont;*

*Bl-ispeijez kontra l-konvenut, inkluz dawk tal-ittri ufficjali nru. 2842/17, 1664/18; u bl-imghaxx legali sad-data tal-effettiv pagament.”*

Ra r-risposta tal-kuratur deputat Dr Deborah Camilleri preżentata fil-ħamsa u għoxrin (25) ta’ Novembru 2022 fejn hija eccepiet li:

*“1.Illi l-esponenti mhux edotta mill-fatti li taw lok ghal din il-kawza stante li sal-lum hija ma stabiliet l-ebda kuntatt mal-patocinat taghha;*

*2. Illi pero mill-premessi u dati kemm tal-ittra ufficjali, kif ukoll tal-prezentata tat-talba jista jkun li hemm kwistjonijiet ta’ preskrizzjoni, li fi kwalunkwe kaz jistghu jitqajjmu ex ufficio.*

*3. Illi fi kwalunkwe kaz l-esponenti tirriserva li tipprezenta risposta ulterjuri meta u jekk jirnexxila tistabilixxi kuntatt mal-patrocinat taghha salv eccezzjonijiet ulterjuri."*

Ra l-atti kollha tal-process inkluz id-dokumenti kollha prezentati;

Sema x-xhieda li ġew prodotti mill-partijiet;

- **<u>Kunsiderazzjonijiet Legali u Fattwali</u>**

F'din il-kawża l-attrici qegħda titlob rifużjoni tal-ammont ta' tlett elt tlett mija u ħamsin ewro (€ 3,350) li hija kienet ħallset lill-intimat Mark Anthony Barone Grech sive Anthony Grech sabiex dan jagħmlilha xi xogħol fir-residenza tagħha kif wkoll fir-ristorant Churchill Bar & Restaurant fix-Xlendi, it-tnejn propjeta tal-attrici. Tul dawn il-proceduri irriżulta li l-intimat x'aktarx li telaq minn dawn il-gżejjer u fil-fatt ġiet appuntata Dottor Deborah Camilleri sabiex hija tirrapreżenta l-interessi tal-istess intimat.

- **<u>L-Eccezzjoni tal-Preskrizzjoni</u>**

Fir-risposta tagħha Dottor Deborah Camilleri fil-kwalita tagħha ta' kuratur deputat tgħid li hija mhix edotta mill-fatti tal-kawża iżda tindika li jista jkun il-każ li hemm "kwistjonijiet ta' preskrizzjoni". Madanakollu fir-risposta tagħha, l-istess kuratur deputat ma tindika l-ebda artikolu abbażi ta' liema t-talbiet tal-attrici jistgħu jitqiesu li huma preskritti. Anzi tgħid li l-preskrizzjoni tista' titqajjem *ex ufficio*. Dak li isostni l-kuratur deputat pero mhux korrett. L-artikolu 2111 tal-Kodici Civili jagħmilha cara li *"Il-Qorti ma tistax ex officio tagħti effett għall-preskrizzjoni, jekk din ma tiġix eccepita mill-parti interessata."* Ġie ribadit kemm -il darba mill-Qrati tagħna illi sabiex titqies li ġiet eccepita validament tali eccezzjoni ta' preskrizzjoni, id-debitur irid qabel xejn jindika bil-preciż l-artikolu specifiku tal-liġi li abbażi tiegħu jkun qed isostni li l-azzjoni tal-kreditur hija preskritta. F'każ li l-artikolu jkollu kemm -il paragrafu, id-debitur huwa obbligat li jindika l-paragrafu specifiku. Fil-każ odjern l-kuratur deputat ma indikat l-ebda artikolu li abbażi tiegħu l-azzjoni għandha titqies bħala preskritta iżda ħalliet f'idejn it-Tribunal. It-Tribunal ma jistax jissuplixxi huwa stess għal dan in-nuqqas u jipprova jara hu liema perijodu preskrittiv seta' jiġi applikat, anke għaliex huwa prekluż li jagħmel dan fit-termini tal-artikolu 2111 sucitat. Apparti minn hekk

ma tressqet l-ebda prova jew inkella ingħatat xi spjegazzjoni kif l-azzjoni odjerna tista' titqies li hija preskritta. Fid-dawl ta'dan kollu għalhekk l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sejra tiġi miċħuda.

- **Il-Mertu**

Mill-atti jirriżulta li l-attrici kienet qabdet lill-intimat sabiex jagħmel xogħol fir-residenza u r-ristorant tagħha u ħallsitu s-somma ta' tlett elef tlett mija u ħamsin ewro (€ 3,350) akkont ta' dan ix-xogħol. Fil-kontro-eżami tagħha, l-attrici spjegat kif fuq talba tal-istess intimat hija kienet irrilaxxatlu tlett (3) cekkijiet li flimkien kienu jammontaw is-somma reklamata minnha fl-avviż tat-talba odjern.[1] Hija għamlet dan fuq talba u struzzjonijiet tal-istess intimat. Hija isostni li l-intimat kien qalilha li kellu bżonn dawn ic-cekkijiet biex huwa jixtri l-materjal. L-attrici fdatu u għaddietlu c-cekkijiet. Pero x-xogħol li kien ġie miftiehem bejn il-partijiet ma sarx. L-attrici għahekk imbagħad bdiet titħabat biex tiġbor flusha lura in vista tan-nuqqas tal-intimat li huwa jaderixxi għall-obbligi li kienu ġew assunti minnu fil-konfront tal-attrici.

It-Tribunal ma jarax raġuni għalfejn m'għandux jemmen lill-verżjoni tal-attrici. Huwa minnu li kopja tac-cekkijiet li irrilaxxat l-attrici lill-intimat ma ġewx preżentati fil-mori ta' dawn il-proceduri. Madanakollu x-xhieda tal-attrici mogħtija fl-affidavit tagħha kif wkoll fil-kontro-eżami li sarilha kienet waħda konsistenti. L-intimat jidher li irrikonoxxa wkoll li huwa kellu jirrifondi dan l-ammont lill-attrici għaliex meta l-istess attrici ħakmitu għaddej minn quddiem ir-ristorant tagħha fix-Xlendi u waqfitu, huwa ammetta magħha li kellu jirrifondilha dan l-ammont u li kien sejjer jagħmel dan mingħajr dewmien. Wara dik l-okkażżjoni pero l-kuntatt mal-intimat inqata' kompletament. Lanqas ma baqgħet tista' tagħmel kuntatt miegħu fuq in-numru tat-telefon li kellha. Il-verzjoni tal-attrici tkompli tissaħħaħ wkoll mill-fatt li fl-atti hemm indikazzjonijiet cari li l-intimat għamel l-istess ħaġa lil terzi persuni: ħadilhom flus fuq il-pretiża li kien se jagħmlilhom xi xogħol u tali xogħol baqa' m'għamlux. It-talba tal-attrici tirriżulta għalhekk li hija ġustifikata u għandha tiġi milqugħa. L-intimat għandu wkoll jħallas l-interessi fuq l-ammont dovut minnu kif wkoll l-ispejjeż kollha tal-preżenti istanza.

- **Decide**

[1] Ara xhieda mogħtija fit-28 ta' Settembru 2023.

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq espressi u l-kunsiderazzjonijiet hemm magħmula dan it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi:

(a) jiċħad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-kuratur deputat;

(b) jiċħad il-bqija tal-eccezzjonijiet sollevati mill-istess kuratur deputat;

(c) jilqa t-talbiet kollha tal-attrici u jikkundanna lill-intimat sabiex jirrifondi lura lill-attrici l-ammont ta' tlett elef tlett mija u ħamsin ewro (€ 3,350) bl-imgħaxxijiet bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) mid-data tas-sitta (6) ta' Dicembru 2017, id-data meta ġiet preżentata l-ewwel ittra ufficjali kontra l-intimat, ittra ufficjali numru 2842/2017, sad-data tal-effettiv pagament.

L-ispejjeż tal-preżenti istanza kif wkoll dawk tal-ittri ufficjali numru 2842/17 u 1664/18 għandhom jkunu kollha a karigu tal-intimat. B'dan illi proviżorjament id-drittijiet legali dovuti lill-kuratur deputat għandhom jitħallsu mill-attrici bid-dritt li hija tirkupra tali ammont mingħand l-intimat flimkien mal-ispejjeż l-oħra ta' dawn il-proceduri.

(ft)Dr. Jean Paul Grech
*Gudikant*

(ft)Rebekah Mizzi
*Deputat Reġistratur*

Vera Kopja

Għar-reġistratur